MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 498/2013

**A B**

**vs**

**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur A B ipprezentat fit-8 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu ppremetta u talba is-segwenti:-

Illi huwa zzewweg lill-intimata C D E fir-Registru Pubbliku ta' Malta fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali ai termini ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 29 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet C B vs A B (Imhallef Dott. Anna Felice, Rik. Gur. 181/2009);

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifel, li twieled fil-11 ta' Mejju 2008, u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment;

Illi r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew oltre' erba' snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet. Ghaldaqstant r-rikorrenti A B jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' C D E hu mahlul u li 1-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta tad-29 ta' Novembru 2013 li permezz taghha specifikat l-ammonti ta' arretrati dovuti mill-attur kif ukoll il-pagamenti li kien effettwa fil-mori tal-kawza.

F'seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja l-konvenuta iddikjarat illi ma kienx ghad baqa' arretrati ta' manteniment dovut stante pagamenti fil-mori.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta' Jannar 2015 li permezz taghha ipprezenta sett ta' dokumenti rilaxxjati mill-Banif Bank sabiex juri l-puntwalita' fil-hlastijiet tal-manteniment.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Peress li fil-mori tal-kawza l-attur hallas l-arretrati kollha dovuti ta’ manteniment il-Qorti qed tiddikjara li l-mertu tal-eccezzjonijiet huwa issa ezawrit u ghalhekk m’hemmex aktar ostakolu legali ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------